# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tad-Distrett tan-Naxxar

Il-Pulizija

(Spettur Ritienne Gauci)

(Spettur Joseph Mallia)

Vs

Edward Zahra

Illum, 12 ta`Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra **Edward Zahra**, 38 sena, iben Joseph u Carmen nee’ Spiteri mwieled Pieta’ fit-22/10/1981 u residenti gewwa Comino Views, Flat 2, Triq il-Papa Piju IX, Qala, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita’ numru 619981 M akkuzat talli nhar l-14 ta’ Settembru 2020 gewwa dawn il-Gzejjer Maltin,

1) Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt l-awtorita’ tieghek innifsek lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkilt lil Abubakari Siba fil-pussess ta’ hwejgu b’ xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg haddiehor.

2) U aktar talli nqast li tobdi l-ordinijiet legittimi moghtija lilek minn PS 2343, ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indhalt lil imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dimirijietu.

Rat l-affidavit ta' PS Daniela Haeleyipprezentat mat-tahrika tal-kawza; semghet bix-xhieda bil-gurament ta' Adrian Cassar; ta' Graziella Zahra Micallef li ghazlet li ma tixhidx stante parentela mal-imputat; ta' Alexander Cross, ta' Abubakari Siba bil-lingwa Ingliza fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2022; Rat l-affidavit ta' PS 1270 Antoine Zammit u ta' PS 1257 C Ellul ipprezentat fis-17 ta' Frar, 2022;

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024 il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi.

Rat li l-imputat ghazel ma jixhiedx fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2024;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Rat l-artikoli 85(1) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti, ix-xhieda u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

<u>Provi prodotti mill-Prosekuzzjoni</u>

**Affidavit ta' PS 2343 Daniela Healey** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Nhar il-14 ta' Settembru, 2020 PS 1257 ghamel rapport lil certu Abubakari fuq xi karozzi li kien xtara minghand dealer, certu Edward Zahra li kellu showroom gewwa Triq Naxxar, Gharghur maghrufa ukoll bhala Triq tal-Balal. Bir-rapport gie infurmat PS 1270 li dak iz-zmien kien stazzjonat in-Naxxar fejn kompla bl-investigazzjoni tieghu.

F' Marzu 2021 PS 2343 irceviet file bin-numru r/corr/76/2021 biex tkompli l-investigazzjonijiet minn naha taghha peress li kienet intbghatet kwerela min ghand l-avuktat ta' Abbukari.

Nhar l-20 ta' Mejju, 2021 gie Edward Zahra wara li kien gie ikkuntattjat. Gie infurmat bir-rapport u bid-drittijiet tieghu. Huwa stqarr li ser jaghmel uzu mid-dritt li jikkonsulta l-avukat ta' fiducja tieghu u peress li ma setghax jaqbdu kien ha jigi darb' ohra.

Sussegewentement kien hemm tentattivi minn naha tal-pulizija biex ikellmuh u intbghatet letter to call fir-residenza tieghu gewwa Ghawdex. Ikkuntatjat l-ghassa tan-Naxxar il-mara tieghu, Graziella Zahra Micallef, li infurmat li Edward Zahra ma setghax jattendi u giet mitluba sabiex tigi l-ghassa ma zewghha fil-2 ta' Gunju 2021 peress li hija xhud.

Fil-2 ta' Gunju, 2021 Graziella Zahra Micallef tat il-verzjoni taghha.

Fil-11 ta' Lulju, 2021  Siba Abubakari taha l-verzjoni tieghu lil pulizija.

**Affidavit ta' PS 1270 Antoine Zammit** ipprezentat f' dawn il-proceduri fil-17 ta' Frar, 2022.  Nhar il-14 ta' Settembru, 2020 irraporta l-ghassa ta' Paola ma PS 1257 Abubakari Siba. Fil-14 ta' Settembru, 2020 Edward Zahra taha l-verzjoni tieghu wara li gie moghti s-solitu twissija u d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tieghu fejn huwa rrifjuta dan id-dritt u ffirma dikjarazzjoni.

**Affidavit ta' PS 1257 C. Ellul** ipprezentat f' dawn il-procedurti fil-17 ta' Frar, 2022. Nhar l-14 ta' Settembru, 2020 is-Sur Abubkari irrapporta li kellu zewgt karozzi u peress li x-xoghol tieghu mar lura f' Dicembru 2019 kien mar ghand id-dealer u halla l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LC 358 ghand id-dealer. Skont il-kwerelant kienu ftehmu li d-dealer ser izzommha ghandu sakemm jinqaleb il-*log book* u wara ghandu jitfaghha ghal bejgh. Sussegewentement Abukari mar ghand l-istess dealer u halla vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni FBZ 838 tal-ghamla Citroen u ma dan id-dealer ghamel l-istess ftehim.

Abubakari stqarr li wara li halla z-zewgt vetturi ircieva ircieva citazzjoni minghand id-dealer u qal li c-citazzjoni inharget wara li hu kien halla z-zewg vetturi ghand id-dealer. Apparti minn hekk ghandu ritratt li l-vettura LCC 358 kienet qed tigi uzata minn persuna ohra u meta ccekja mal-LESA sab li z-zewgt vetturi ghadhom registrati fuqu. Meta mar ghand id-dealer u nfurmah li z-zewgt vetturi suppost dawwarhom qabel ma bieghhhom dan qallu li kien ser jara x' jista' jaghmel biex iz-zewg vetturi iduru fuq is-sid il-gdid. Hu qal li la d-dealer u l-anqas il-mara tad-dealer ma huma qed jirrispondu ghat-telefonati tieghu.

**Abubakari Siba,** xehed bil-lingwa Ingliza fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2021**.**

Xehed li hu ipprezenta kwerela lil pulzija dwar karozza li xtara minghand dealer, l-imputat li jaghraf fl-awla. Ix-xhud xehed

"Xhud: When the corona start I returned the car that I cannot use it anymore cause my wage was coming down and he told me to bring the car to his garage so when I return it I start receiving multa in my house several times, when I called them they told me no you will go and pay it I should not worry and still more coming when I tell them they tell me no the try to go and change it they tell them no they cant

Qorti: They tried to what?

Xhud: Go and pay the multa to … … … my license and they told them no unless me then I told why? Because I return the car now I cannot drive again because they send me letter."

Il-karozza kien xtraha u kien qed jhallasha b' pagamenti mensili. Meta rriorna l-karozza kien ghadu qed ihallasha. Transport Malta bghatulu ittra biex jgib il-licenzja u hu kellem avukat.

**Adrian Cassar**, xehed fis-seduta tas-17 ta' Frar 2021. Ix-xhud jahdem ta' VRT tester ma Cassar Service Station. Gie mitlub jgib xi rapporti li ghandhom x' jaqsmu mal-VRT tal-vettura LCC 358.. Jixhed li ma jirrizultax li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCC 358 qatt ghamlulha VRT test. Jiddikjara li ma jaghraf lil hadd fl-awla.

**Alexander Cross**, xehed fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2021. Ma jaf xejn fuq il-kaz mertu ta' dawn il-proceduri.

**Graziella Zahra Micallef**, xehedet fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2021. Ix-xhud taghzel li ma tixhiedx stante li hija l-mara tal-imputat.

Ikkunsidrat.

Illi fl-ewwel lok l-Qorti ser tindirizza s-sottomissjoni tal-abbli difensur tal-imputat li ma gietx ipprezentata l-kwerela u li kawza ta hekk il-procedura ma gietx segwita. Illi l-Qorti tirrileva li minkejja li hemm referenza li saret kwerela bil-miktub mill-avukat tal-parte civile kemm mill-pulizija u kif ukoll mill-parte civile din ma tinstabx in atti. Irrizulta li l-kwerelant ghamel rapport l-ghassa u ghalkemm okkorrenza giet ezebita fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024 (ara Dok B). Fuq dan il-punt qed jigi ikkunsidrat li gja la darba r-rapport sar ukoll bil-fomm dawn il-proceduri ma humiex nulli. **[**ara fost l-ohrajn Il-Pulizja (Spettur Robert Vella) Vs Edward Domnic Polidano, Appell Nru: 23 / 2019, deciz 16 ta' Mejju, 2019; Il Pulizija vs Anthony Sammut John Mary Vella [Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Gunju, 2010 (Appell Kriminali Numru: 275/2007)].

Ikkunsidrat

Fl-ewwel imputazzjoni l-imputat gie akkuzat talli minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt l-awtorita' tieghek innifsek lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkilt lil Abubakari Siba fil-pussess ta' hwejjgu b' xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg haddiehor.

Sabiex jinstab htija fuq dan il-kap ta' akkuza dawn l-erba' elementi gew adottati fil-Qrati taghna fosthom fil-kawzi Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et[1], Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia[2] u Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo[3] li huma ssegwenti:

> 'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r-reat ta' ragion fattasi huma:-

[1] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell

[2] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell

[3] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell.

(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita`pubblika, u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi."

Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor."

Illi fil-kaz in ezami dawn l-elementi ma jirrizultawx. Il-parte civili minn jeddu taha l-pussess tal-vetturi li b' ammissjoni tieghu stess ma kienx ghadu hallashom u ritornahom lil imputat, id-dealer tal-karozzi.

Il-Qorti trid tiddeciedi skont l-akkuza li ghandha quddiemha u skont il-provi li ghandha a dispozizzjoni taghha. Din l-akkuza ma gietx ipprovata sal grad rikjest fil-ligi.

Ikkunsidrat,

Dwar it-tieni imputazzjoni fejn l-imputat gie akkuzat talli naqas li jobdi l-ordinijiet legittimi moghtija lilek minn PS 2343, ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indhalt lil imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dimirijietu.

Mill-atti jirrizulta li l-imputat irrikorra l-ghassa tal-pulizija kif gie mitlub u taha l-verzjoni tieghu lil pulzija fil-14 ta' Settembru 2020. Meta sussegwentement gie mitlub imur l-ghassa, marret il-mara tieghu u informat lil pulizija li zewgha ma setghax jattendi. Il-prosekuzzjoni ma ipprovatx ghal xiex kienet qed tirriferi meta harget din l-akkuza. Fid-dawl tal-premess l-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma gietx ipprovata sal-grad rikjest mill-ligi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti wara li l-artikoli 85(1) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta  qed issib lil imputat Edward Zahra mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**

.